# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Ottubru 2024**

**Numru : 13**

**Rikors numru: 10/2023/1 FDP**

**Daniel Muka (Passaport Albaniż BD8707291)**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat; u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mir-rikorrent minn sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2023, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), filwaqt illi ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali illi m'huwiex il-leġittimu kontradittur, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-Avukat tal-Istat u l-

Avukat Ġenerali fejn dawn jirrigwardaw il-mertu, u ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Nhar is-27 ta' Awwissu 2020, l-appellant kien tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex iweġeb għal diversi akkużi.

3. L-appellant kien *inter alia* mixli bl-omiċidji volontarju ta' Christian Pandolfino u Ivor Piotr Maciejowski, liema allegat omiċidju seħħ nhar it-18 ta' Awwissu 2020.

4. Meta sar l-allegat omiċidju, l-appellant kien qiegħed igawdi mill-ħelsien mill-arrest mogħti lilu f'proċeduri kriminali separati wara li kien akkużat b'serq aggravat minn stabbiliment tal-ġojjellerija allegatament kommess f'Otturbu 2017.

5. Minkejja li l-Qorti Kriminali kienet appuntat ġuri għad-29 ta' Mejju 2023, il-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali fl-ismijiet "***The Republic of Malta vs Daniel Muka***" għadhom pendenti u l-appellant jinsab detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

6. Fil-mori tal-imsemmija proċeduri, l-appellant ippreżenta diversi rikorsi kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, fejn talab illi jingħata l-ħelsien mill-arrest. Illi tali talbiet kollha ġew miċħuda għar-raġunijiet diversi.

7. Fit-18 ta' Ottubru 2022, il-Qorti Kriminali tat sentenza fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-appellant, fejn il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha. L-appellant appella min dik is-sentenza iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet dan l-appell fl-intier tiegħu fis-26 ta' April 2023.

8. Wara t-trapass ta' aktar minn tliet (3) snin mill-omiċidji u minn meta l-appellant tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-appellant għadu qed jinżamm taħt arrest preventiv.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

9. Permezz ta' rikors intavolat nhar l-10 ta' Jannar 2023 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-appellant talab dikjarazzjoni illi l-aġir tal-intimat jew min minnhom, huwa illegali u jilledi d-drittijiet fondamentali tiegħu billi tali aġir jikser l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Talab ukoll illi jingħataw dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa.

10. Permezz ta' risposta konġunta datata 9 ta' Frar 2023, l-intimati l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali fuq bażi preliminari eċċepew illi l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur, filwaqt li fil-mertu, sostnew illi ma seħħ l-ebda ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Spjegaw illi l-iskop fundamentali kemm tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll dak tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, huwa sabiex jipproteġu kontra d-detenzjoni arbitrarja. In kwantu għall-Artikolu 5, detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja jekk tkun skont il-Liġi u konsistenti mal-għan tal-istess Artikolu. Id-dritt għal-libertà mhuwiex wieħed assolut u l-Artikolu 5 għandu lista eżawrjenti ta' raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-libertà tal-persuna.

11. B'mod simili, l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jistipula li ħadd ma għandu jkun privat mill-libertà tiegħu, ħlief f'ċirkostanzi speċifiċi li jirriżultaw mill-liġi. Iżidu illi kuntrarjament għall-impressjoni li qed jittenta jagħti r-rikorrent, għandu jingħad illi ċ-ċaħdiet ripetuti għat-talbiet għall-ħelsien mill-arrest tiegħu dejjem kienu studjati u ben motivati u qatt ma kienu bbażati fuq fattur uniku, anzi dejjem kien hemm multipliċità ta' fatturi li ġew ċitati bħala raġunijiet kontra l-għoti tal-ħelsien mill-arrest. In kwantu għall-*electronic tagging,* jaffermaw illi din hi sempliċiment għodda li, fl-agħjar ipoteżi tindirizza, u mhux telimina, ċertu biżgħat li jista' jkun hemm fir-rigward ta' persuna arrestata.

12. B'sentenza datata 3 ta' Ottubru 2023, l-Ewwel Qorti, ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali illi ma hijiex il-leġittimu kontradittur; filwaqt illi laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali fuq il-mertu, u għalhekk ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.

**Ċ. L-Appell:**

13. L-attur ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u intavola appell nhar id-9 ta' Ottubru 2023 u talab lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali, u tirriformaha billi tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu l-oħra eċċepiti mill-intimati, u tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti.

14. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali wieġbu għall-appell tar-rikorrenti permezz ta' risposta konġunta datata 23 ta' Ottubru 2023 u filwaqt li affermaw illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi konfermata *in toto,* argumentaw illi l-appellant qiegħed jipprova jissimplifika s-sitwazzjoni bl-idea li l-*electronic tagging* ser issolvi kollox. Jispjegaw illi m'hemm l-ebda obbligu fuq stat biex jipprovdi kull mezz u opportunità biex min ikun arrestat ikollu ċ-ċans li jingħata l-ħelsien mill-arrest u fl-aħjar ipoteżi din is-sistema hija biss għodda li tista' tgħin fil-kontroll u trażżin ta' persuni u ma hix *panacea* li ssolvi kollox.

15. L-appellant jibbaża l-appell tiegħu fuq aggravju wieħed.

*L-Aggravju:*

16. Minn eżami tar-rikors tal-appell, l-appellant in *poche parole,* jilmenta mill-fatt illi n-nuqqas ta' possibilità ta' *electronic tagging* għal persuni li huma miżmuma taħt arrest preventiv bħalu hi leżiva tal-jedd tiegħu għal-libertà personali u b'mod aktar ġenerali l-istess jedd kien vjolat mill-fatt li hu għadu ma ngħatax il-ħelsien mill-arrest. Iżid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-analiżi tagħha tal-*electronic tagging.* Skont l-appellant, it-talbiet tiegħu għall-ħelsien mill-arrest qegħdin jiġu prinċiparjament miċħuda frott in-nuqqas tal-Istat illi jimplimenta u jħaddem sistema effettiva ta' *electronic monitoring* għal dawk l-imputati illi jkunu qegħdin jiġu akkużati kriminalment u jitressqu l-Qorti taħt arrest u li effettivament ikunu għadhom preżunti innoċenti. Iżid illi li kieku l-Istat Malti jipproduċi *electronic tagging* il-biża' tal-ħarba tiġi indirizzata.

17. B'referenza għall-insenjamenti tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-appellant isostni illi meta ġudikant jiġi biex jiddetermina jekk l-arrest ikunx baqa' wieħed neċessarju, irrid jaddotta l-prinċipju tal-proporzjonalità. Filfatt huwa proprju dan il-prinċipju li fil-fehma tal-appellant, jgħabbi lill-istat bil-piż li joffri alternattivi inqas onerużi bħalma effttivament huwa l-*electronic monitoring* minflok detenzjoni. Illi dan fil-fehma tal-appellant jorbot mal-prinċipju illi persuna hija meqjusa innoċenti

sakemm tinstab ħatja u huwa għalhekk illi l-libertà tal-persuna għandha tkun ir-regola. L-appellant jirrileva wkoll illi l-fatt li t-talbiet tiegħu għall-ħelsien mill-arrest qegħdin jiġu miċħuda, dan qieghed isir bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif salvagwardjati taħt l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

18. L-intimati jargumentaw illi l-iskop tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni huwa li tiġi eliminata u li jkun hemm miżuri prottetivi kontra d-detenzjoni arbitrarja. Però entrambi provvedimenti jikkonċedu illi ċ-ċaħda tal-libertà hi permissibbli meta ssir skont il-Liġi u meta tali ċaħda tkun konsistenti mal-għan tal-istess Artikolu. Jaffermaw illi l-appellant qiegħed jinżamm detenut abbażi ta' arrest preventiv peress li hu mixli b'omiċidju volontarju ta' żewġ individwi, arrest permissibbli bis-saħħa tal-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni. Isostnu illi bl-ebda mod ma ġie suġġerit jew implikat illi l-liġi li wasslet għall-arrest u d-detenzjoni tal-appellant ma kinitx imħarsa. Apparti minn hekk l-appellant ripetutament utilizza r-rimedju tiegħu biex jistħarreġ jekk l-arrest tiegħu għandux jitkompla jew le. Għalhekk id-detenżjoni tal-appellant kien u għadu wieħed legali. Iżidu illi qatt ma kien hemm pronunzjament li Stati Membri għandhom obbligu joħolqu sistema ta' *electronic tagging* u l-fatt li ma hemmx qafas legali ta' *electronic tagging* għal persuni miżmuma taħt arrest preventiv mhuwiex leżiv tal-jedd għal-libertà personali.

19. Jaffermaw illi l-appellant qiegħed konvenjentement jinjora l-qofol tal-każ tiegħu meta jipprova jagħti x'jifhem li hu ma ngħatax il-ħelsien mill-arrest minħabba l-biża' li jaħrab. Tant hu hekk illi mkien fir-rikros tal-appell ma jsemmi illi t-talbiet tiegħu għall-ħelsien mill-arrest kienu miċħuda minħabba multipliċità ta' fatturi, fatturi li l-Ewwel Qorti fehmet. Filwaqt illi l-appellant igawdi mill-prezunzjoni tal-innoċenza, din il-preżunzjoni ma tfissirx illi l-awtoritajiet Maltin, għandhom jiskartaw u jinjoraw dak li allegatament seħħ. Isostnu illi l-argument tal-appellant illi l-*eletronic tag* isservi ta' deterrent biex ma jiġux kommessi reati oħra ma jreġġix, u jirrilevaw illi *se mai* t-*tag* isservi biss bħala "constant reminder" però xejn ma żżomm lil min ikun liebes din it-*tag* milli jikkommetti reat ieħor, biża' li skont l-intimati, fil-każ tal-appellant, hija waħda ben fondata.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet in materja:

> "*41. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi r-rikorrent donnu qiegħed jinsa n-natura w ilgravita' ta' l-akkużi illi bihom huwa qiegħed jiġi akkużat fil-każ odjern – il-qtil bl-aktar mod kiesaħ u biered ta' żewġ persuni ġewwa r-residenza waqt serqa.*
>
> *42. Il-Qorti tosserva wkoll illi, aktar minn hekk, ir-rikorrent donnu qed jinsa wkoll illi tali qtil, jekk minnu kommess, seħħ waqt illi huwa kien qed igawdi mill-liberta' provizzorja mogħtija lilu fl-ambitu ta' akkużi kriminali oħra illi kienu qed jinġiebu kontra tiegħu, din id-darba dwar serqa bi vjolenza ġewwa ħanut tad-deheb li seħħ ftit snin qabel.*
>
> *43. Dwar "electronic tagging", filwaqt illi l-Qorti tqis illi l-introduzzjoni ta' tali għodda ċertament taf tkun ta' inċentiv sabiex persuni li qegħdin ġewwa l-ħabs għar-reati ta' ċerta portata jingħataw il-possibbilta' li jirrintegraw fis-soċjeta' sabiex ir-riabilitazzjoni tagħhom sseħħ effettivament, liema possibbilta' madanakollu, il-Qorti tosserva illi ġia*

*teżisti bis-sistema tal-'Parole', fil-każ tar-rikorrent, illi qiegħed jinfaċċja mhux akkuża waħda, iżda tnejn, kommessi fuq medda ta' tlett snin, liema reati kienu ta' natura gravi stante illi kommessi bi vjolenza, fejn saħansitra fit-tieni każ, inqatlu żewġ persuni kiesaħ u biered ġewwa r-residenza privata tagħhom, ċertament il-gravita' ta' l-akkużi w ċirkostanzi oħra kienu tali li l-eżistenza ta' tali sistema ta' 'electronic tagging' kien ikun superfluwi fil-konsiderazzjoni ta' kwalsiasi Qorti fl-għoti tal-Ħelsien mill-Arrest.*

*(omissis)*

*45. Fil-każ odjern, il-biża' illi r-rikorrent jaħrab mill-pajjiż hija waħda reali, u minkejja kwalsiasi garanzija illi ġew, b'xi mod, minnu ppreżentati u maħduma bit-tama illi huwa jinħareġ mill-ħabs, l-aħjar mod kif wieħed jista' jassikura illi r-rikorrent ma jaħrabx minn Malta u, għalhekk, jaħrab mill-proċess kriminali li qed takkużah bi qtil ta' żewġ persuni ġewwa r-residenza tagħhom, hija illi huwa jinżamm ġewwa l-Ħabs sakemm jiġi ġudikat.*

*46. Il-Qorti tasal biex tikkonkludi wkoll, illi ebda garanzija u/jew kundizzjoni imposta fuq ir-rikorrent, inkluż 'electronic tagging' kieku kienet possibbli, ma kienet ser twaqqaf lir-rikorrent, illi ma jidhirx illi għandu rabtiet familjari ġewwa Malta, milli jaħrab mill-Gżejjer ta' Malta, u dana peress illi huwa fatt ben risaput li huwa ferm faċili li wieħed jaħrab minn Malta bil-baħar, kkunsidrat il-viċinanza tagħna ma' Sqallija u l-eżistenza ta' opri tal-baħar li jistgħu, b'veloċita' konsiderevoli u għalhekk fi ftit ħin, faċilment jaqsmu għal Sqallija mingħajr ma jkunu interċettati b'ebda mod.*

*47. Għaldaqstant, din il-Qorti tosserva illi l-eżistenza o meno ta' sistema ta' "electronic tagging" ma tistax titqies bħala li, b'xi mod, naqset lir-rikorrent il-possibbilta' li jingħata il-Ħelsien mill-Arrest."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

21. L-aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq żewġ binarji u ċioè: (i) li n-nuqqas ta' sistema ta' *electronic tagging* hija leżiva għall-jedd għal-libertà personali tiegħu; u (ii) li l-fatt li ma ngħatax il-ħelsien mill-arrest huwa fih innifsu leżiv għall-jedd għal-libertà personali tiegħu. Il-Qorti

tosserva illi kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet intavolata quddiem l-Ewwel Qorti u anke fir-rikors tal-appell odjern, fil-maġġior parti tagħhom, is-sottomissjonijiet u l-argumenti mressqa mill-appellant jikkonċernaw il-kwistjoni tal-*electronic tagging*, filwaqt li l-kwistjoni dwar ir-rifjut tal-ħelsien mill-arrest, ingħatat biss importanza residwali u minima

22. Jibda biex jingħad li dwar l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, fil-każ fl-ismijiet: ***Mckay kontra r-Renju Unit*** ġie affermat is-segwenti:

> *"Article 5 of the Convention is, together with Articles2,3 and 4, in the first rank of the fundamental rights that protect the physical security of an individual, ……… and as such its importance is paramount. Its key purpose is to prevent arbitrary or unjustified deprivations of liberty (see for example, Lukanov v Bulgaria, 20 March 1997, 41 reports 1997-II and Ilascu and Others v Moldova and Russia [GC], no.48787/99, 461, ECHR 2004-VII). Three strands in particular may be identified as running through the Court's case-law; the exhaustive nature of the exceptions, which must be interpreted strictly (see Ciulla v Italy, 22 February 1989 series A no 148). And which do not allow for the broad range of justifications under other provisions (Article 8-11 of the Convention in particular); the repeated emphasis on the lawfulness of the detention, procedurally and substantively, requiring scrupulous adherence to the rule of law see Winterwerp vs the Netherlands, 24 October 1979, 39 Series A no.33) and the importance (of the promptness or speediness of the requisite judicial contracts (under Article 5, 3 and 4)."*

23. L-awturi *Harris O'Boyle & Warwick*[1] irritenew illi:

[1] Law of European Convention on Human Rights (3rd Edition pp 301)

*“The over-reaching principles (of article 5) can be summarised as follows: a)the detention has a basis, and is in conformity with the applicable domestic law; and b)domestic law satisfies Convention standards as to the quality of the law (it is sufficiently ascertainable and certain) and c) the application of that domestic laws in conformity with the general principles of the Convention: the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1) (a)-(f) as interpreted by the Court and the individual must be protected from arbitrariness.”*

24. Mill-atti jirriżulta illi l-appellant ilu taħt arrest preventiv mis-17 ta’ Awwissu 2020. Tul il-mori tal-proċeduri penali miġjuba fil-konfront tiegħu huwa intavola s-segwenti rikorsi permezz ta’ liema huwa talab li jingħata l-libertà provviżorja:

i. Rikors intavolat nhar il-11 ta’ Ġunju 2021, liema talba ġiet miċħuda permezz ta’ digriet datat 18 ta’ Ġunju 2021 mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef C Scerri Herrera’; (ara fol 107 et seqq.)
ii. Rikors intavolat nhar il-24 ta’ Diċembru 2021 liema talba kienet miċħuda permezz ta’ digriet datat 29 ta’ Diċembru 2021 mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef C Scerri Herrera; (ara fol 115 et seqq.)
iii. Rikors intavolat nhar it-8 ta’ Ġunju 2022, liema talba wkoll ġiet miċħuda permezz ta’ digriet datat 14 ta’ Ġunju 2022 mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Aaron Bugeja; (ara fol 36 et seqq.)

iv. Rikors intavolat nhar il-11 ta' Ottubru 2022, liema talba wkoll ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat 18 ta' Ottubru 2022 mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Aaron Bugeja; (ara fol 35 et seqq.)

v. Rikors intavolat nhar it-28 ta' April 2023, liema talba kienet ukoll miċħuda permezz ta' digriet tal-Qorti Kriminali datat 4 ta' Mejju 2023 preseduta mill-Onor. Imħallef Aaron Bugeja; (ara fol 232 et seqq.)

25. Mill-atti jirriżulta wkoll illi meta allegatament seħħ id-delitt li l-appellant jinsab mixli bih, l-appellant kien qiegħed fuq ħelsien mill-arrest provviżorju ordnat fi proċeduri kriminali separati. L-appellant kien filfatt inħeles fit-28 ta' Awwissu 2019, fejn kien jinsab akkużat b'serq aggravat mill-istabbiliment *Diamonds International*, allegatament kommess f'Ottubru tas-sena 2017.

26. Rat ukoll illi fit-18 ta' Ottubru 2022, il-Qorti Kriminali tat sentenza fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-appellant, fejn il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellant. Sussegwentement u minn din is-sentenza, l-appellant intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn din tal-aħħar ukoll ċaħdet l-appell tal-appellant fl-intier tiegħu permezz ta' sentenza datata 26 ta' April 2023. In segwitu għal din is-sentenza, il-Qorti Kriminali appuntat il-ġuri għad-29 ta' Mejju 2023. Madankollu peress li l-avukati li kienu qegħdin jippatroċinaw lill-appellant,

irrinunzjaw għall-patroċinju tal-istess fit-18 ta' Mejju 2023, il-Qorti Kriminali tat digriet b'diversi ordnijiet sabiex il-kawża tiġi stradata. Sussegwentement il-ġuri kien skedat li jibda fid-9 ta' Ottubru 2023.

27. Il-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2022, liema digriet serva wkoll bħala pedament għad-digrieti sussegwentement mogħtija minnha, ikkonsidrat is-segwenti fatturi: (a) in-natura tal-akkużi miġjuba kontra l-appellant; (b) l-atti tal-proċeduri u b'mod partikolari d-data ta' meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli bl-akkużi in kwistjoni; (c) il-piena relattiva fl-eventwalità ta' sejbien ta' ħtija; (d) il-kumplessità tal-każ; (e) il-possibilità li l-appellant jinterferixxi fil- / jew jintralċja l-provi; (f) il-konnessjonijiet tal-appellant ma' Malta; (g) il-karattru u l-anteċedenti tal-appellant kif jirriżultaw mill-atti; (h) l-istadju tal-proċeduri u ċ-ċirkostanzi tal-każ; (i) il-biża' li l-appellant jaħrab minn Malta; u (j) in-nuqqas ta' garanziji suffiċjenti.

28. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-lanjanzi miġjuba mill-appellant u ma tqisx illi l-aggravju tiegħu huwa wieħed fondat.

29. Fir-rigward il-kwistjoni tal-*electronic tagging,* kwistjoni li hija l-pern tal-lanjanzi konvenzjonali u kostituzzjonali odjerni, din il-Qorti terġa' tirribadixxi l-konklużjonijiet minnha raġġunti fis-sentenza fl-ismijiet: ***Alfred Degiorgio et vs L-Avukat tal-Istat*** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2021:

> *"Il-kwistjoni dwar il-possibilta` li jsir electronic tagging tal-appellanti f'dan l-istadju hi irrilevanti, għaliex s'issa għad m'hemmx il-kundizzjonijiet sabiex l-appellanti jingħataw il-ħelsien mill-arrest. L-electronic tagging iservi sabiex l-iktar jiġi żgurat li l-akkużat jattendi għas-seduti. Mill-aħħar digrieti li ngħataw mill-Qorti Kriminali u li bihom ġew miċħuda t-talbiet għall-ħelsien mill-arrest, ma jidhirx li l-biża' hi l-appellanti jaħarbu minn Malta iżda pjuttost li l-appellanti jfixklu l-andament tal-investigazzjoni li għadha għaddejja. Aġir li jista' jseħħ irrispettivament jekk l-akkużat ikunx liebes electronic tagging."*

30. Minn eżami tad-digrieti tal-Qorti Kriminali għal liema saret referenza sopra, huwa pależi illi l-Qorti Kriminali, li għarblet il-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tal-appellant, ma kinitx propensa li tordna l-ħelsien mill-arrest provviżorju tal-appellant, *stante* li l-kondizzjonijiet neċessarji sabiex tali talba tiġi aċċetata, effettivament, sa dak l-istadju ma kienux jeżistu. Għalhekk u simili għaċ-ċirkostanzi tad-digriet fuq imsemmi, il-kwistjoni dwar il-possibilità *o meno* li jkun hemm *electronic tagging* jew *monitoring* hija irrilevanti.

31. Din il-Qorti filwaqt illi tikkonċedi illi *ormai* l-*electronic monitoring* ilha addottata minn stati oħra għal diversi snin u li f'ċirkostanzi partikolari, l-implimentazzjoni korretta tagħha *tramite* qafas legali appożitu, trendiha opzjoni vijabbli, tosserva wkoll illi minkejja li tul dawn l-aħħar snin kien hemm diversi proposti sabiex din l-għodda tiġi introdotta fil-qafas legali tagħna, l-ebda abbozz ta' liġi ma tressaq. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tissottolinea illi l-fatt li l-qafas legali domestiku ma jikkontemplax din l-opzjoni għal persuni miżmuma taħt arrest preventiv, tali nuqqas,

kuntrarjament għal dak avvanzat mill-appellant, ma jissarrafx f'leżjoni tad-dritt fundamentali għal-libertà personali.

32. Il-Qorti rat il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ċitata mill-appellant kemm fir-rikors tal-appell tiegħu u anke fis-sottomissjonijiet bil-miktub preżentata quddiem l-Ewwel Qorti, ġurisprudenza li kif korrettament indikat mill-appellati, tippronunzja ruħha b'mod ġeneriku fuq id-dritt u l-garanziji kontemplati fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti ma tistax tirraffigura vjolazzjoni tad-dritt għal-libertà personali unikament abbażi tan-nuqqas tal-Istat Malti illi jilleġisla favur l-implimentazzjoni ta' għodda bħal *electronic monitoring jew electronic tagging* għal persuni li huma taħt arrest preventiv, ġialadarba l-istess stat Malti mbagħad joffri l-garanziji u l-protezzjonijiet l-oħra kollha li teżiġi l-Kostituzzjoni, il-Konvenzjoni Ewropea, il-liġijiet, direttivi u regolamenti tal-Unjoni Ewropea, u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u dik tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra l-arrest arbitrarju.

33. Il-Qorti tirrikonoxxi illi l-biża' li l-appellant jaħrab mill-pajjiż kienet preokkupazzjoni prinċipali tal-Qorti Kriminali fil-konsiderazzjonijiet tagħha. Però tagħraf ukoll illi dan ma kienx l-uniku fattur li wassal għal rifjut ripetut da parti ta' din l-istess Qorti għall-ħelsien mill-arrest provviżorju. L-Ewwel Qorti kienet korretta meta affermat illi l-'electronic

tagging' kienet superfluwa fil-konsiderazzjoni ta' kwalsiasi Qorti fl-għoti tal-Ħelsien mill-Arrest mill-kaz odjern, *stante* illi ebda garanzija u/jew kundizzjoni imposta fuq ir-rikorrent, inkluż 'electronic tagging' kieku kienet possibbli, ma kienet ser twaqqaf lir-rikorrent, milli jaħrab mill-Gżejjer ta' Malta, impresa li hija risaputa bħala waħda ferm faċili bil-baħar. Lanqas ma tqis illi l-*electronic monitoring* iservi ta' deterrent milli jiġu kommessi reati ulterjuri.

34. Fuq dan il-punt huwa ta' relevanza dak rilevat mill-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2022:

> *"While the Court is fully aware of case law criticising this jurisdiction due to fact that thanks to its small insular size it should be in a better position to guard its borders, coupled with the fact that entry and exit in and from Malta can only be done by air or sea, on the other hand, and precisely because of thse means of entry and exit, whoever is ill-intentioned enough to want to escape from these islands knows that he can do so illegally and clandestinely by eluding border controls and adopting other channels and modes of transport apart from the ordinary and legitimate ones. Of course this is not only confined to Malta as people escape from countries much larger and opulent who hail state of the art border control personnel and equipment."*

35. Fir-rigward il-kwistjoni dwar ir-rifjut da parti tal-Qorti Kriminali għall-ħelsien provviżorju mill-arrest pendenti l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellant, filwaqt illi din il-Qorti tqis illi l-osservazzjonijiet magħmula sopra jsibu wkoll applikazzjoni għal dan l-argument sekondarju tal-

appellant, tissottolinea illi mhuwiex kompitu tagħha li taġixxi ta' Qorti tal-Appell wara li r-rikorrenti ġie miċħud l-ħelsien mill-arrest diversi drabi mill-Qorti edotta mill-atti proċesswali tal-każ u li għandha s-setgħa fil-liġi li tordna jew tiċħad il-libertà proviżorja mill-arrest f'dana l-istadju.

36. Huwa evidenti mid-digrieti tal-Qorti Kriminali su-indikati, illi din l-istess Qorti fid-digrieti kollha tagħha eżaminat bir-reqqa l-ġurisprudenza lokali u estera relattiva għall-fatti odjerni, u kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tal-appellant. Kull rifjut kien studjat u ben motivat u għalhekk huwa pależi illi l-Qorti Kriminali u l-Ewwel Qorti warajha, attribew l-importanza mistħoqqa lill-prezunzjoni favur l-innoċenza tal-appellant, filwaqt illi eżaminaw: *"all the facts arguing for or against the existence of a public interest which justifies a departure from the rule in Article 5 and must set them out in their decisions on the applications for release."*[2]

37. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Qorti. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt illi kif ġustament osservat l-Ewwel Qorti, ir-reat allegatament kommess mill-appellant, dak ta' serq u omiċidju doppju fir-residenza privata tal-vittmi, seħħ waqt li l-appellant kien qiegħed fuq *bail in vista* ta' proċeduri kriminali oħra, fejn l-

[2] Ara **Lisovskij v. Lithuania** (36249/14) deċiża nhar it-2 ta' Mejju 2017 u **Idalov v. Russia** [GC], no. 5826/03, deċiża nhar it-22 ta' Mejju 2012) entrambi deċiżi mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

appellant allegatament ikkommetta serqa minn stabbiliment ta' ġojjellerija.

38. Għalhekk dan l-argument ma jreġġix.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss